PR211777

**28/09/2021**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

B'referenza għall-istqarrija għall-istampa numru PR211539, datata 19 t'Awwissu, 2021 u skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni addizjonali li rċieva, l-imsemmijin prodotti m'għandhomx jiġu kkunsmati għaliex instab li fihom ingredjent li potenzjalment fih l-Ethylene oxide.

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-prodott** | Mini cones – Vanilla and Chocolate (x 8) |
| **Ditta** | Milka |
| **Data tad-durabbilità** | Lulju 2022 |
| **Lott** | OS1113 u OS1114 |

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-prodott** | Mandorle e Vaniglia di Java (x 4) |
| **Ditta** | Nuii |
| **Data tad-durabbilità** | Ottubru 2022; Mejju 2023 |
| **Lott** | Ml0296; UE1137 |

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-prodott** | Cioccolato Biancho con Caramello e Noci Pecan del Texas (x 4) |
| **Ditta** | Nuii |
| **Data tad-durabbilità** | April 2023 |
| **Lott** | Ml1109 |

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-prodott** | Mixed – Caramello salato e Noci Macadamia Australiane / Cioccolato Bianco e Vaniglia di Java / Cioccolato Fondente e Mirtilli dei Paesi Nordici |
| **Ditta** | Nuii Mini |
| **Data tad-durabbilità** | Ġunju 2023 |

| | |
|---|---|
| **Lott** | Ml1159 |

L-Ethylene oxide huwa pestiċida li l-użu tiegħu fl-ikel mhuwiex awtorizzat fl-Unjoni Ewropeja, iżda hu awtorizzat f'pajjiżi barra l-UE. Għalkhemm il-konsum tal-prodott mhux ta' riskju immedjat, hemm riskju ikbar jekk ikel differenti li jkun ikkontaminat b'din il-kimika jittiekel għal perjodu ta' żmien. Għaldaqstant, wieħed għandu jnaqqas kemm jista jkun il-konsum ta' prodotti li jkun fihom din il-kimika, anke jekk f'livell baxx. Din it-twissija qed tinħareġ ukoll wara li kien hemm qbil bejn l-Istati Membri hekk kif rappurtat fuq **https://ec.europa.eu/food/system/files/2021-07/rasff_ethylene-oxide-incident_e410_crisis-coord_sum.pdf**

Għal aktar informazzjoni, l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq **mhi@gov.mt**. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx** għal informazzjoni simili.










